# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)

**Kawża Numru 1425/2024SG**

**Il-Pulizija**
**Spettur Hubert Gerada**
**Spettur Christian Abela**
**Spettur Zachary Zammit**
**vs**
**Bashar Mohamad**

**Illum, 3 ta' Ġunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa fil-konfront ta' Bashar Mohamad, detentur tal-permess tar-residenza bin-numru 0112388A, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"...fl-24 ta' Frar u/jew fil-jiem, jew ġimgħat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer;*
> *1. Għin jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew ittanta jinżel l-art f'Malta, jew li joqgħod ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, jew lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art, jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew ħeba jew ta kenn lil xi persuna li kien jaf, jew kellu tassew għax jaħseb, li kien qiegħed f'Malta kontra d-disposizzjoni tal-Att dwar l-Immigrazzjoni; (Art. 32 (1) (a) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta).*
>
> *2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu dokument maħruġ minn awtorita' kompetenti, cioe' passaport Malti numerat MT904881 u karta tal-identita Maltija, innumerata 0146384A mahruga f'isem Rudah Abdullah (Art. 3 (a) tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel użu jew ittanta jagħmel użu minn dokument maħruġ lil persuna oħra, cioe' Rudah Abdullah (Art. 4 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*4. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi ikkommetta serq ta' dokumenti, liema serq huwa kwalifikat bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Rudah Abdullah (Art. 269 (g), 281 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati, preseduta mil-Magistrat Francesco Depasquale nhar it-22 ta' Jannar 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' kwalunkwe restituzzjoni li ghandha tigi maghmula lill-partijiet involuti ghal-kwalunkwe hsarat jew ingurji sofruti.*

*Ghaldaqstant filwaqt li qed nesebixxi dokument ta' identifikazzjoni kif ukoll l-fedina penali tal-imsemmi Bashar Mohamad, nitlob lil Onorabbli Qorti li dan il-kaz jiġi investigat skond il-liġi."*

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet ammissjoni tal-imputat li ġiet ikkonfermata wara li ngħata żmien raġjonveoli sabiex jirrikonsidra u wara li ġew spjegati lill-istess imputat, il-konsegwenzi legali li jemanu minn tali ammissjoni;

Semgħet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ u l-ammissjoni tal-imputat, kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputat, tqis li piena ta' priġunerija effettiva, mhijiex dik il-piena idoneja.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-Artikoli 32(1)(a) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(a) tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 269(g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 281(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Bashar Mohamad, ħati tal-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2000) u għal priġunerija ta' sena (1) sospiża għal sentejn (2), b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Stante li ma ġewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proċeduri, mhijiex ser tingħata l-ebda ordni ta' ħlas ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati, il-portata ta' din is-sentenza ai termini tal-liġi.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**